# IL-QADDISIN KOLLHA

### L-EWWEL TA' NOVEMBRU

***Daħla:*** Il-liturġija tal-lum tippreżentalna lil dawk kollha li Alla jsibhom fidili lejh sal-aħħar b'mod speċjali meta jkunu ppersegwitati minħabba l-fidi fih. Dak li hu ta' valur għal Ġesù jmur kontra dak li jidher ta' valur għad-dinja. Il-qaddisin huma dawk li jħallu lil Ġesù jiggwidalhom ħsibijiethom u l-imġiba tagħhom. Aħna, mill-Magħmudija 'l hawn, imsejħin għall-istess destin Etern. Inkantaw.....

***L-Ewwel Qari:*** Numru kbir ta' qaddisin magħrufa minn Alla għax sofrew kull taħbit bil-fidi f'Ġesù Kristu li miet għalihom.

***Responsorju tas-Salm:*** **Dan hu n-nisel ta' dawk li jfittxu 'l wiċċek, Mulej.**

***It-Tieni Qari:*** Id-destin ta' dawk kollha li jemmnu fl-Iben ta' Alla, Ġesù, hu li jgawdu l-eternità kif igawdiha hu stess.

***Offertorju:****(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Il-ħobż u l-inbid li noffru huma s-simboli ta' ħajja magħġuna mat-tbatija. Alla l-Ispirtu s-Santu jibdel dan kollu f'sagrifiċċju li jogħġob lill-Missier. Inkantaw flimkien …

***Tqarbin:*** *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Aħna grati ħafna lejn Alla l-Missier li ħabbna u għamilna wliedu. Is-sehem tagħna fit-Tqarbin jagħtina minn issa r-rigal tal-ħajja eterna. Inkantaw ...

***Ringrazzjament:*** *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Grazzi Missier għall-imħabba tiegħek. Grazzi li għażiltna biex inkunu qaddisin għax Int Qaddis. Ejjew nirringrazzjawh flimkien .....

***Kant tal-Għeluq…***